MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Numru. 1028/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Benny (Bernard) Muscat ta' 44 sena, iben Daniel u Carmen nee' Moore, imwieled Pieta` nhar l-20/10/1964, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 523464M u residenti gewwa 10B Triq Nelson, Bormla**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Benny (Bernard Muscat) li gie akkuzat:

1. Talli fl-24 ta' Ottubru, gewwa il-Birgu u gewwa dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' cheque propjeta ta'

Saviour Cachia u/jew id-dipartiment tas-sigurta socjali liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u aktar talli;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera xi haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 88 Euros (tmienja u tmenin Ewro) ghad-dannu ta' Saviour Cachia detentur tal-karta ta' identita 271481M u/jew id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u/jew persuni ohra u aktar talli;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi ikkunsinnat, jew b'qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawwla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u aktar talli;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna li haddiehor biza li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza, u aktar talli;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ostruwixxa jew ostakola lil xi ufficjali, impjegati jew agent ta' provditur awtorizzat fil-qadi ta' dmirijietu ma provditur awtorizzat bhal dak, u aktar talli;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm xi oggett postali waqt it-tragitt tieghu bil-posta, jew xi ufficjal ta' operatur postali jew xi vettura li tkun qed iggorr xkejjer tal-posta jew oggetti postali, jew b'xi skuza fetah xkora tal-valigga waqt it-tragitt taghha bil-posta, jew naqas li jibghat lura lil operatur postali oggett postali, u aktar talli;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza u ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.,

datata 10 ta’ Mejju 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi seraq cekk mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li kien pagabbli lil Saviour Cachia. Huwa hadu minghand il-pustiera li kienet qed tqassam il-posta u dana meta ostakolaha fil-qadi ta’ dmirijietha u geghla tghaddilu dan ic-cekk. Hija tghid li bezghet u hekk ghamlet. L-imputat imbghad mar isarraf ic-cekk fuq l-idejn. Meta imbaghad Saviour Cachia aktar tard fil-gurnata mar ghac-cekk ghand l-istess pustiera hi infurmatu illi c-cekk kienet tghatu lil Muscat. Ghalhekk Joanne Borg u Cachia ghamlu rapport ta’ dana gewwa l-ghassa. L-imputat gie mehud l-ghassa tal-pulizija fejn fuqu instabu l-ammont ta’ seba’ u sittin euro u seba’ u sittin centezmu (€67.67). hu ammetta dak illi hu ghamel u ma oggezzjonax illi dana l-ammont ta’ flus jghatih lura lil Cachia.

Illi mill-provi irrizulta ampjament ippruvat illi l-imputat huwa recidiv. Dwar dan hemm sentenza esebita bhala Dok FF4 kif ukoll mill-fedina peanli tieghu.

Illi l-imputat jghid fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti illi huwa ried ic-cekk ta’ Cachia ghaliex kien silfu xi flus u riedhom lura. Inoltre jghid illi lill-pustiera Joanne Borg kellimha bil-kelma t-tajba u hi ghalhekk ghaddietlu c-cekk. Illi l-Qorti ma tantx temmen dina l-verzjoni u dana kemm fid-dawl tax-xhieda ta’ Saviour Cachia u Joanne Borg kif ukoll fid-dawl tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok FF2).

Illi ghalhekk l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati.

Illi ghar-rigward tal-ahhar akkuza irrizulta illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta’ Mejju, 2006 (Dok FF4).

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti tistqarr illi ma tistax tinjora l-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt illi huwa kiser il-provediment ta’ sentenza sospiza mghotija fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a), 262(1)(a), 276, 308, 310(1)(b), 251B(1)(2), 28B u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 62(3), 74(1) u 73 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija, kif ukoll fid-dawl ta’ l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tordna illi tigi fis-sehh is-sentenza sospiza ta’ 18 il-xahar prigunerija mghotija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-10 ta’ Mejju, 2006, biex b’hekk l-imputat qed jigi kundannat ghall-perjodu kumplessiv ta’ tletin (30) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------